MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 540/2004/1

**Perit Arkitett Valerio Schembri**

**v.**

1. **Ir-Registratur tal-Qorti,**
2. **Alfred Baldacchino,**
3. **Il-Kummissarju tal-Artijiet,**
4. **Ic-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta u**
5. **Id-Direttur Generali tax-Xoghlijiet**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

B'rikors ipprezentat quddiem il-prim'awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Lulju, 2004 l-attur ppremetta :

"Illi hu kien gie nominat b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-20 ta' Gunju, 2003, fil-kawza fl-ismijiet Alfred Baldacchino vs Kummissarju ta' l-Artijiet et (Cit. Nru. 273/93NC) sabiex jaghmel il-likwidazzjoni tad-danni (sottolinejar u enfasi tal-attur) li l-proprjeta soffriet minhabba l-bini tal-"Power Station" a spejjes li jinqasmu bejn il-partijiet bin-nofs (Dok. A);

"Illi fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2003, - u dan skond il-verbal tal-Qorti hawn anness u immarkat bhala Dok. B - l-Qorti giet infurmata mill-konvenut Registratur tal-Qorti illi kien gie ipprezentat ir-rapport mill-Perit Tekniku Valerio Schembri. Illi l-kawza fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2003 giet differita ghal hlas u konferma tar-rapport;

"Illi l-istess konvenuta Registratur tal-Qorti, tramite d-Deputat Registratur, intaxxa din ir-relazzjoni u nhar il-21 ta' Ottubru, 2003 hareg taxxa fl-ammont ta' Lm8663.76 (Dok. C);

"Illi sussegwentement, l-istess konvenut Registratur tal-Qorti, tramite d-Deputat Registratur, biddel minn rajh l-ammont indikat fid-Dok. C u cioe l-ammont ta' Lm8,663.76 ghal ammont ridott ta' Lm8,291.39 (Dok. D);

"Illi fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2003 (Dok. E) il-konvenuti Kummissarju ta' l-Artijiet, Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, Direttur Generali tax-Xogholijiet u Alfred Baldacchino iddikjaraw "li fil-fehma taghhom d-dritt tal-perit huwa ingenti u mhux skond il-ligi u jitolbu zmien biex jipprocedu skond il-ligi";

"Illi fit-13 ta' Novembru, 2003 il-konvenuti Kummissarju ta' l-Artijiet, Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta u Direttur Generali tax-Xogholijiet - b'rikors (Dok. F) - (sottolinejar u enfazi tal-attur) talbu lill-Qorti "sabiex tikkonferma li l-inkarigu ulterjuri moghti lill-Perit huwa limitat ghal stima tal-fond ta' l-attur bil-prezenza tal-Power Station u mhux likwidazzjoni ta' danni, liema likwidazzjoni ma kenitx

mitluba mill-esponenti u joghgobha tordna li ssir revizjoni tad-drittijiet u l-ispejjez tal-Perit, hekk kif intaxxat mid-Deputat registratur fil-21 ta' Ottubru, 2003, u dan ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja";

“Illi l-konvenut Registratur tal-Qorti pprezenta risposta fir-Registru tal-Qorti fejn irrileva illi huwa intaxxa d-dritt relattiv a bazi ta' l-artikolu 8 tat-Tariffa K tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. lllì l-konvenut Registratur tal-Qorti irrileva ukoll iIli huwa "ma jopponix ghat-taiba tar-rikorrenti fil-konfront tieghu, cioe li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li ssir revizjoni tad-drittijiet in kwistjonl' (Dok. G);

“Illi fis-seduta tal-10 ta' Dicembru, 2003 "il-Qorti filwaqt li tirriserva li taghti provvediment kamerali dwar ir-rikors prezentat mill-konvenuti tiddiferixxi ghal hlas tar-rapport' (Dok. H);

“Illi l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili permezz ta' digriet moghti fis-16 ta' Dicembru, 2003 (Dok. I) laqghet it-talba tal-istess konvenuti u ordnat "li tinhareg taxxa gdida mir-Registratur tal-Qorti komputata ai termini tal-Artikolu 6 tal-Iskeda K';

“Illi l-konvenuti Kummissarju ta' l-Artijiet, Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta u Direttur Generali tax-Xogholijiet qatt ma setghu jutilizzaw il-procedura tar-rikors sabiex tigi mibdula t-taxxa mahruga validament mill-konvenut Registratur tramite d-Deputat Registratur tal-Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2003 u dan peress illi l-procedura li kellha tigi utilizzata kienet dik stipulata fl-artikolu 667 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tali taxxa mahruga validament fil-21 ta' Ottubru, 2003 kellha tigi attakkata permezz ta' nota;

“Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet legalment tilqa t-talba tal-konvenuti Kummissarju ta' l-Artijiet, Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta u Direttur Generali tax-Xogholijiet sabiex it-taxxa mahruga mid-Deputat Registratur fl-ammont ta' Lm8,663.76 (fol. 378) tigi riveduta bil-procedura tar-rikors, izda semmai l-konvenuti kellhom jutilizzaw dak li tipprovdi l-ligi fl-artikolu 667 tal-

Kap. 12 u cioe li jappellaw permezz ta' nota lill-istess Onorabbli Prim' Awla sabiex tigi riveduta tali taxxa. Din hija l-uniku procedura permessibli bil-ligi. Dan apparti l-fatt li skond il-principju generali - ben risaput - illi minn ser jattaka tali intaxxar ta' perizja ghandu jaghmel lil Perit Tekniku parti mill-istess procedura li hija procedura ad hoc. Dan japplika ukoll fil-kaz ta' dak ikkontemplat fl-artikolu 667 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta;

“Illi jirrizulta li ghalhekk il-konvenuti ma mxewx skond il-procedura u allura l-Prim' Awla tal-Qorti Civili qatt ma setghet taghti d-digriet taggha tas-16 ta' Dicembru, 2003;

“Illi ghalhekk l-attur huwa tal-fehma illi l-procedura utilizzata mill-konvenuti ma hijiex dik idoneja u zgur li ma hijiex in konformita ma' dak li trid u tghid il-ligi u hija ghalhekk irritwali u nulla;

“Illi ghalhekk it-taxxa mahruga mill-konvenut Registratur tramite d-Deputat Registratur tal-Qorti nhar il-21 ta' Ottubru, 2003 fl-ammont ta' Lm8,663.76 ghadha valida;

“Talab ghalhekk li l-istess konvenuti jew minn minnhom ighidu ghaliex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, provvediment u ordni opportuni, din il-Qorti m’ghandhiex :

“1. Tiddikjara illi l-procedura utilizzata mill-konvenuti u cioe dik ta' rikors sabiex tigi attakatta t-taxxa validament mahruga mill-konvenut Registratur tal-Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet Alfred J Baldacchino vs Kummissarju ta' l-Artijiet et (Cit. Nru. 273/93NC) bhala mhux idoneja skond il-ligi;

“2. Konsegwentement tiddikjara illi d-digriet moghti mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Dicembru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet Alfred J Baldacchino vs Kummissarju ta' l-Artijiet et (Cit. Nru. 273/93NC) bhala null u bla effett;

“3. Tiddikjara li ghal-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi t-taxxa mahruga mill-konvenut Registratur fil-21 ta' Ottubru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet Alfred J Baldacchino vs

Kummissarju ta' l-Artijiet et (Cit. Nru. 273/93NC) ghadha valida;

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju datat 2 ta' Lulju, 2004, u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-attur ghad-drittijiet professjonali tieghu fuq l-inkarigu lilu moghti fl-20 ta' Gunju, 2003, kontra l-konvenuti jew minn minnhom li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

“Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta’ l-attur;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Registratur, Qrati u Tribunali Civili, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

“Illi t-talbiet attrici kif diretti kontra tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur ghar-ragunijiet segwenti :

“1. Preliminarjament illi r-Registratur, Qrati u Tribunali Civili mhux legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza ta' dan il-gudizzju stante illi

“(a) mhux parti fil-kawza "Alfred J Baldacchino vs Kummissarju ta' l-Artijiet et" (citazjoni numru 273/1993 NC) li fl-atti taghha gie prezentat ir-rikors promotur;

“(b) ma kienx wiehed mir-rikorrenti jew l-imharkin fil-proceduri tar-rikors promotur;

“(c) kwalunkwe kaz, l-ezitu ta' dawn il-proceduri bl-ebda mod ma huma sejrin jaffetwaw, jibdlu jew ivarjaw it-tassazjoni tad-drittijiet tal-Perit Arkitett Valerio Schembri gia mahduma minnu precedentement;

“2. Preliminarjament illi din l-azzjoni hija intempestiva, irrita u nulla stante illi r-rimedju legalment disponibbli lill-attur mhux dak permezz ta' citazjoni kif qed tigi intentata din il-procedura izda kellha tkun permezz t'appell ordinarju quddiem il-Qorti ta' l-Appell;

“3. Illi ghalkemm l-eccipjent hadem it-tassazzjoni tal-Perit Arkitett skond il-ligi, id-digriet tal-Qorti li permezz tieghu l-eccipjent gie ordnat biex jidbel it-tassazzjoni precedenti tieghu huwa digriet validu li kien bazat fuq talba maghmula permezz tar-rikors promotur, liema talba, skond l-istess sub-inciz 2, ta' l-artikolu 667 tal-Kapitolu 12, ma kienetx mehtiega li issir tassativament bil-mezz ta' nota u dan stante li l-kawza kienet ghadha ghaddejja.

“4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr hsara ghas-suespost, l-unika tassazzjoni ufficjali tad-drittijiet peritali mahruga mill-eccipjenti nhar il-21 t'Ottubru 2003 kienet dik fl-ammont ta' Lm8291.39 (annessa ma' l-att tac-citazzjoni markata bhala dokument "D") u mhux dik riferita mill-attur fl-ammont ta' Lm8663.76 (annessa ma' l-att tac-citazzjoni markata bhala dokument "C") liema tassazzjoni ma gietx notifikata lil partijiet stante li ma kienetx ghadha finalizzata u formalizzata. Fi kwalunkwe kaz it-tassazjoni fl-ammont ta' Lm8291.39 kienet giet mibdula konsegwenti d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta li qed jigi attakkat b'din il-procedura;

“5. Illi fi kwalunkwe kaz, il-gurisprudenza l-aktar recenti tghallem li l-eccezzjoni tan-nullita t'atti ghandha tkun trattata b'cirkospezjoni filwaqt li l-presunzjoni 'iuris tantum" ghandha tkun a favur tal-validita u mhux tan-nullita' ta' l-atti;

“Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Registratur, Qrati u Tribunali Civili;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Kummissarju ta’ l-Artijiet, Direttur Generali tax-Xogholijiet u c-Chairman tal-Korporazzjoni EneMalta, li *in forza* taghha huma eccepew :

“1. Illi preliminarjament, ic-citazzjoni hija irrita u nulla, peress illi qieghda inter alia, titlob li jigi annullat digriet, li huwa wiehed interlokutorju u kamerali, u ghalhekk ma ghandux jigi attakkat permezz ta' citazzjoni, izda bil-procedura ta' l-appell, jew lill-Qorti stess li tkun ippronunzjatu, jew dik gia pendenti quddiem il-Qorti ta' l-

Appell, kif jistipulaw l-Artikoli 229 u 230 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

“2. Illi preliminarjament, ic-citazzjoni hija wkoll nulla, stante illi l-attur gia ntavola Appell, liema Appell mhux appuntat, quddiem il-Qorti ta' l-Appell mid-Digriet moghti mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili liema digriet inghata fis-16 ta' Dicembru 2003 fil-kawza fl-ismijiet 'Alfred J Baldacchino vs Kumissarju ta' l-Artijiet et' (Citazz. Nru. 273/93NC) liema kawza ghadha pendenti, u ghalhekk ladarba l-mertu huwa ezattament l-istess, ma tistax tigi riproposta;

“3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni eccezzzjoni, t-talbiet ta' l-atturi diretti fil-konfront ta' l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi skond is-subinciz (2) ta' l-Artikolu 667 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), il-formalita' rikjesta mil-Ligi sabiex isir appell minn taxxa ta' Perit mahtur mill-Qorti mhix wahda tassattiva, peress illi ma jirrikjedix ad validitatem illi l-appell isir esklussivament permezz ta' nota;

“4. Ghaldaqstant, l-eccipjenti jirrespingu t-talbiet ta' l-attur fil-konfront taghhom bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu, kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

“Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti Kummissarju ta’ l-Artijiet, Direttur Generali tax-Xogholijiet u Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Baldacchino, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

“1. L-ewwel taIba attrici hija infondata fil-ligi u ghandha tigi michuda billi l-appell tal-konvenuti Kummissarju ta' l-Artijiet, Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta u Direttur Generali tax-Xogholijiet, fil-kawza fl-ismijiet Alfred J. Baldacchino vs Kummissarju ta' l-Artijiet et (Citazz. Nru. 273/93NC), maghmul bir-rikors tat-13 ta'

Novembru 2003, fejn talbu r-revizjoni tat-taxxa tad-drittijiet u spejjez tal-attur, kienet proceduralment korretta;

“2. Illi konsegwentement it-tieni u t-tielet talbiet attrici huma legalment insostenibbli, billi l-ligi (bl-artikolu 667 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili) tipprovdi espressament li appell mit-taxxa tar-Registratur, fuq id-drittijiet u spejjez ta' perit inkarigat mill-Qorti, ghandu jsir quddiem l-istess Qorti li tkun hatret lill-perit. Ma hu moghti ebda rimedju jew appell iehor mid-decizjoni tal-Qorti fuq l-appell li jsirilha taht l-artiklu 667 imsemmi;

“3. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, id-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Dicembru 2003 kienet legalment u fattwalment korretta u ghandha tigi konfermata. Konsegwentement it-tieni u t-tielet talbiet attrici ghandhom jigu michuda;”

**Is-sentenza appellata.**

Il-prim’awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fit-3 ta’ Frar, 2009 meta, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat :

“Illi il-Kummissarju ta’ l-Artijiet, Korporazzjoni EneMalta u Direttur Generali tax-Xogholijiet kienu pprezentaw rikors fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta’ Novembru 2003 li permezz tieghu talbu lill-Qorti sabiex tikkonferma li l-inkarigu ulterjuri moghti lill-Perit Valerio Schembri kien limitat ghal stima tal-fond tal-attur bil-prezenza tal-Power Station u mhux likwidazzjoni ta’ danni; liema likwidazzjoni ma kienitx mitluba u ghalhekk talbu lill-Qorti sabiex tordna li issir revizjoni tad-drittijiet u l-ispejjez tal-Perit, l-attur f’din il-kawza hekk kif intaxxat mid-deputat registratur fil-21 ta’ Ottubru 2003.

“Illi l-Prim’Awla tal-Qorti Civili kienet innominat lill-Perit Valerio Schembri fit-28 ta’ Gunju 2002 sabiex jaghmel stima tal-proprjeta tenut kont tal-post u lokalita minghajr l-ezistenza tal-Power Station.

“Illi wara li sar l-access mill-Perit Valerio Schembri kienet saret talba permezz ta’ rikors tal-Kummissarju tal-Artijiet u id-Direttur tax-Xogholijiet fit-3 ta’ Ottubru 2002 sabiex jigu kwantifikati d-danni u il-Perit Arkitett kellu jaghmel zewg stimi, u cioe’ l-istima tal-proprjeta minghajr l-ezistenza tal-Power Station fid-data meta inbniet il-Power Station, kif ukoll stima tal-proprjeta bl-ezistenza tal-Power Station f’dawn l-istess zminijiet.

“Illi dan ir-rikors ma kienx ghadu gie degretat u il-Perit Valerio Schembri kien ghadda ghar-rapport, ghal liema rapport il-Perit kien thallas drittijiet u spejjez ammontanti ghas-somma ta’ elf seba mija disa u sittin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM1,769.51) u dawn inhaddmu ad valorem u thallsu mill-Kummissarju ta’ l-Artijiet, mill-Korporazzjoni EneMalta u mid-Direttur Generali tax-Xogholijiet fuq stima fir-rapport ammontanti ghal hames mitt elf lira Maltin (LM500,000).

“Illi sussegwentement kienu irrizultaw provi godda li mhux l-art kollha kienet appartenenti lill-attur u ghalhekk il-Perit Arkitett, l-attur f’din il-kawza, kien inghata inkarigu ulterjuri biex tigi aggustata l-istima wara li isir it-tnaqqis ta’ l-art li ma kellhiex frontage fuq it-triq a spejjez ta’ l-attur u ghal liema tnaqqis il-Perit kien thallas bhala dritt is-somma ta’ mitejn tlieta u tmenin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (LM283.48).

“Illi d-dritt u l-ispejjez tal-Perit Valerio Schembri fuq ir-rapport ulterjuri tela ghas-somma ta’ tmien telef mitejn wiehed u disghin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (LM8,291.39).

“Illi ghalhekk il-Kummissarju ta’ l-Artijiet, il-Korporazzjoni EneMalta u d-Direttur Generali tax-Xogholijiet kienu hassew ruhhom aggravati u irrilevaw li l-intaxxar tad-drittijiet li jithallsu lill-Perit huma dawk provduti taht it-

Tariffa K tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li tipprovdi ghad-drittijiet ta' Perit wara li jsiru l-istimi taht l-Artikolu 6 tat-Tariffa K li fl-opinjoni taghhom kienu applikabbli f'dan il-kaz.

"Illi ghalhekk il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-Korporazzjoni EneMalta u d-Direttur Generali tax-Xogholijiet talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tikkonferma li l-inkarigu ulterjuri moghti lill-Perit kien limitat ghal stima tal-fond tal-attur bil-prezenza tal-Power Station u mhux likwidazzjoni ta' danni u sabiex tordna li issir revizjoni tad-drittijiet u l-ispejjez tal-Perit kif intaxxat mid-Deputat Registratur fil-21 ta' Ottubru 2003.

"Illi din il-Qorti, permezz ta' digriet tas-16 ta' Dicembru 2003, rat illi it-taxxa li kienet inharget kienet giet komputata a bazi ta' dak li hemm kontemplat fl-Artikolu 8 tat-Tariffa K tal-Kap. 12, li taqra hekk :

""Stima ta' tigrif u benefikati" u allura id-dritt tal-Perit gie intaxxat a bazi ta' tnejn fil-mija fuq id-differenza taz-zewg stimi. Il-Qorti rat illi l-ilment tal-konvenuti kien gustifikat, u illi l-argument taghhom kien validu u ghalhekk laqghet it-talba taghhom. Il-Qorti rat illi dak li kellu isir da parti tal-Perit Tekniku, l-attur f'din il-kawza, u li fil-fatt sar, kienet stima tal-proprjeta bil-prezenza tal-Power Station. Di fatti il-Qorti osservat illi mill-kontenut tar-rapport kien jirrizulta car "li l-ezercizzju li sar mill-Perit Tekniku kien proprju dak suggerit mill-konvenuti u li kien logiku li isir fic-cirkostanzi u cioe' li issir stima tal-proprjeta bil-prezenza tal-Power Station u titnaqqas mill-istima maghmula fir-rapport precedenti. Ghalhekk il-Qorti rat illi jirrizulta car illi l-intaxxar tad-dritt tal-Perit Tekniku kellu jkun fuq it-tieni stima ai termini tal-Artikolu 6 u mhux fuq id-differenza ai terminu tal-Artikolu 8 li kjarament ma japplikax ghall-kaz odjern stante li f'dan il-kaz id-danni pretizi mill-attur mhumiex tigrif ta' proprjeta, izda deprezzament ta' valur."

""Ghal dawn il-motivi il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti u ordnat li tinhareg taxxa gdida mir-Registratur tal-Qorti komputata ai terminu tal-Artikolu 6 ta' l-iskeda K."

“Ikkunsidrat :

“Illi meta l-attur gie notifikat bid-digriet ta’ din il-Qorti huwa ipprotesta u irrizerva illi jipprocedi formalment kontra r-Registratur tal-Qorti, Alfred Baldacchino, il-Kummissarju ta’ l-Artijiet, ic-Chairman tal-Korporazzjoni EneMalta u d-Direttur Generali tax-Xogholijiet ghad-danni u ghall-ispejjez li sofra, qieghed isofri u ghad jista isofri minhabba l-agir illegali u abbuziv ta’ l-istess Registratur tal-Qorti, Alfred Baldacchino, Kummissarju ta’ l-Artijiet, Chairman tal-Korporazzjoni EneMalta u Direttur Generali tax-Xogholijiet.

“Illi l-attur ipprezenta l-afffidavit bix-xiehda tieghu f’din il-kawza fejn irrefera ghad-digriet ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Gunju 2002 fil-kawza fl-ismijiet Alfred J Baldacchino vs Kummissarju ta’ l-Artijiet et (Citazz Nru 273/93 NC) fejn kellu jaghmel stima tal-proprjeta mertu ta’ dik il-kawza, liema proprjeta kienet Il-Masgar, Delimara Road, Delimara, tenut kont tal-post u lokalita minghajr l-ezistenza tal-Power Station. Huwa xehed illi huwa halef ir-relazzjoni tieghu quddiem il-Qorti fit-13 ta’ Marzu 2003 u thallas id-dritt dovut lilu skond it-taxxa relattiva. L-attur kompla jixhed illi sussegwentement b’digriet tal-20 ta’ Gunju 2003 il-Qorti innominatu sabiex jaghmel il-likwidazzjoni tad-danni li l-proprjeta sofriet minhabba l-bini tal-Power Station. Huwa qal illi lesta it-tieni relazzjoni tieghu fil-21 ta’ Ottubru 2003 u d-deputat registratur tal-Qorti hariglu taxxa fl-ammont ta’ tmient elef sitt mija tlieta u sittin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (LM8,663.76) eskluz il-VAT u sussegwentement id-deputat registratur biddel minn rajh l-ammont u irreducih ghas-somma ta’ tmint elef mitejn u wiehed u disghin lira Maltin u disa u tletin centezmu (LM8,291.39) eskluz il-VAT. Huwa xehed illi l-partijiet kollha gew notifikati bit-taxxa fit-3 ta’ Novembru 2003 u illi sussegwentement fit-13 ta’ Novembru 2003 il-Kummissarju ta’ l-Artijiet ipprezenta rikors fejn talab lill-Qorti biex tikkonferma li l-inkarigu ulterjuri moghti lilu kien limitat ghal stima tal-fond ta’ l-attur bil-prezenza tal-Power Station u mhux likwidazzjoni ta’ danni u talab li issir revizjoni tad-drittijiet u l-ispejjez tieghu hekk kif intaxxat mid-deputat registratur

fil-21 ta’ Ottubru 2003. L-attur xehed illi skond il-verbal ta’ l-20 ta’ Gunju ta’ l-2003, tal-kawza fuq imsemmija (Citazz Nru 273/93 NC) kienu prezenti Dr Pawlu Lia ghall-attur u Dr Cythia Scerri Debono ghall-Kummissarju ta’ l-Artijiet, u ghalhekk ma setghax jifhem kif fid-data meta l-Qorti tat id-digriet taghha dwar l-inkarigu tieghu u cioe’ l-20 ta’ Gunju 2003, hadd minnhom ma oggezzjona ghat-tip ta’ hatra li inghata u kien biss wara li kien ressaq ir-rapport tieghu u inharget it-taxxa illi l-konvenut Kummissarju ta’ l-Artijiet ressaq rikors fit-13 ta’ Novembru 2003. L-attur kompla jixhed illi huwa qatt ma gie notifikat b’dan ir-rikors u lanqas bid-digriet sussegwenti tal-Qorti fejn il-Qorti laqghet it-talba ghar-revizjoni u ordnat li t-taxxa tkun a bazi tal-Artikolu 6 tat-Tariffa K tal-Kap. 12 u ghalhekk huwa qatt ma kellu l-opportunita li jghid tieghu ghal dak li kien il-hlas li kellu jithallas skond il-Ligi u li kellu dritt ghalih. L-attur xehed illi d-digriet gie moghti mill-Qorti fis-16 ta’ Dicembru 2003 u ghalhekk huwa intavola rikors fejn talab lill-istess Qorti tirrevoka ‘contrario imperio’ id-digriet taghha peress illi l-procedura addottata mill-konvenuti, u cioe’ dik ta’ rikors, ma kienitx dik kontemplata fil-Ligi u se mai kellha tigi adoperata il-procedura kif definita fl-Artikolu 667 tal-Kap. 12. Huwa issottometta wkoll il-fatt illi jekk il-Qorti tiddikjara li l-intimati, il-konvenuti odjerni, kellhom dritt jaghmlu rikors minflok nota, xorta wahda dan ir-rikors gie ipprezentat fuori termine peress li huma gew notifikati fit-3 ta’ Novembru 2003 u ipprezentaw ir-rikors fit-13 ta’ Novembru 2003, izda dan ir-rikors gie michud permezz ta’ digriet datat 30 ta’ Marzu 2004. L-attur kompla jixhed illi ghalhekk inharget taxxa fis-26 ta’ Jannar, 2004, kif ordnat mill-Qorti fid-digriet taghha tas-16 ta’ Dicembru. Huwa gie notifikat b’din it-taxxa, hekk kif korretta, fis-26 ta’ Jannar, 2004, u fit-2 ta’ Frar, 2004 ipprezenta nota fir-registru ta’ din il-Qorti fejn informa lill-Qorti li kien qieghed joggezzjona ghat-taxxa mahruga mid-deputat registratur fis-26 ta’ Jannar 2004 u talab lill-Qorti tikkonferma fl-ewwel lok id-dritt gja intaxxat validament fil-21 ta’Ottubru 2003 u tordna li d-drittijiet tieghu jigu intaxxati a tenur ta’ l-Artikolu 9 tat-Tariffa K tal-Kap. 12. L-attur kompla jixhed illi l-Qorti cahdet din it-talba permezz ta’ digriet datat 9 ta’ Gunju 2004, liema digriet inqara bil-miftuh fit-18 ta’ Gunju, 2004. L-attur kompla jixhed illi huwa hass illi d-drittijiet

tieghu gew lezi b'din id-decizjoni tal-Qorti, aktar u aktar meta dawn ittiehdu meta huwa lanqas biss qatt ma kien partecipi fihom u meta kien hemm diga fait accompli u qal illi huwa ghalhekk kellu jiftah din il-kawza.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-konvenut Direttur Generali tax-Xogholijiet esebixxa, inter alia, kopja tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Frar , 2005 fl-ismijiet Alfred Baldacchino vs Kummissarju ta' l-Artijiet, Godfrey Leone Ganado fil-kwalita tieghu ta' Chairman tal-Korporazzjoni EneMalta u b'nota tas-6 ta' April 1993 Anthony Ventura assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni EneMalta u Direttur tax-Xogholijiet. Il-Qorti ezaminat din is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Frar, 2005. Fis-sentenza taghha, il-Qorti ta' l-Appell tat provvediment dwar il-pregudizzjali sollevata mill-appellat Alfred Baldacchino dwar ir-ritwalita' o meno tal-procedura addottata mir-rikorrent Perit Arkitett Valerio Schembri, l-attur f'din il-kawza. Illi l-Qorti ta' l-Appell wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet dwar l-applikabilita' o meno ta' l-Artikoli 229 u 667 tal-Kap. 12 osservat fl-ewwel lok li l-Artikolu 229, inkluz is-subartikolu (3) tieghu ma kienx applikabbli ghall-kaz in kwantu il-provvediment li kien qieghed jigi impunjat ma kienx digriet interlokutorju peress illi jirregola r-relazzjonijiet ta' persuni li ma humiex parti fil-kawza u cioe' il-Perit mahtur fil-kawza u ir-Registratur. Il-Qorti qalet li l-Artikolu 667 tal-Kap. 12 jipprovdi procedura ad hoc ghal kwalunkwe ilment li jista jkun hemm fil-konfront tad-decizjoni tar-Registratur dwar taxxa billi minn dik id-decizjoni jinghata dritt ta' appell quddiem l-istess Qorti bil-mod stabbilit fl-istess artikolu. Kull decizjoni minn dik il-Qorti hija decizjoni fi stadju ta' appell u ghalhekk minn dik id-decizjoni ma jistax isir rikors lill-Qorti ta' l-Appell kif effettivament sar. Ghalhekk il-Qorti ta' l-Appell laqghat il-pregudizzjali sollevata mill-appellat Alfred Baldacchino u iddikjarat l-appell irritu u null u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

"Ikkunsidrat :

“Illi din il-Qorti permezz tad-digriet taghha tad-9 ta’ Gunju 2004 rat in-Nota ipprezentata mill-Perit Arkitett Valerio Schembri, l-attur f’din il-kawza, b’referenza ghat-taxxa riveduta li inharget fuq ordni tal-Qorti fis-26 ta’ Jannar 2004, u ipprovdiet fis-sens illi filwaqt illi ghamlet referenza ghad-digrieti taghha precedenti, ikkonfermat il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet taghha kontenuti fid-digriet taghha tas-16 ta’ Dicembru 2003. Il-Qorti rat ukoll id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta’ Marzu 2004, fejn inter alia il-Qorti osservat li l-vertenza u cioe’ ir-rikors ipprezentat mill-Perit Valerio Schembri fejn talab ir-revoka contrario imperio tad-digriet taghha tas-16 ta’ Dicembru 2003, tinkwadra ruhha fid-dispost ta’ l-Artikolu 667 tal-Kap. 12; liema artikolu jaghti il-fakulta lill-Perit u lill-partijiet biex jappellaw mit-taxxa tad-dritt li jistipula iz-zmien tat-tmient ijiem li jibdew jiddekorru mill-jum imsemmi fl-Artikolu 672, jew fil-kaz ta’ dispensa, mid-data tan-notifika tat-taxxa. Il-Qorti qalet fid-digriet taghha li l-kaz in ezamina jirrigwarda l-ewwel alternattiva, stante illi l-Perit Tekniku, l-attur f’din il-kawza, ma kienx gie dispensat mill-Qorti milli jidher fil-gurnata tal-pubblikazzjoni u ghalhekk fil-kaz odjern iz-zmien tat-tmient ijiem beda jiddekkorri mill-gurnata li fiha, skond l-Artikolu 672, dan kellu jidher il-Qorti biex jaqra ir-rapport u jikkonfermah bil-gurament. Ghalhekk il-Qorti rat illi fil-21 ta’ Ottubru 2003 inharget it-taxxa mir-registratur. L-ghada fl-udjenza tat-22 ta’ Ottubru 2003 il-kawza thalliet ghall-hlas u konferma tar-rapport ghat-12 ta’ Novembru 2003, u ghalhekk din kienet il-gurnata li minnha beda jiddekkorri l-perjodu ta’ tmient ijiem fuq indikat bhala il-gurnata moghtija ghall-pubblikazzjoni tar-rapport kif imsemmi fl-Artikolu 672 tal-Kap. 12. Il-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi ir-rikors tal-konvenuti gie ipprezentat fit-13 ta’ Novembru 2003, u ghalhekk it-tezi tar-rikorrent, l-attur f’din il-kawza illi ir-rikors tal-konvenuti gie ipprezentat fuori termine, hija insostenibbli fattwalment u legalment. Il-Qorti finalment osservat li ma tistax tikkonsidra l-ahhar ilment tar-rikorrent, l-attur f’din il-kawza, li t-taxxa kellha tinhadem fuq hamsa fil-mija a tenur tar-regolament 9 stante li r-rikorrent ma ipprevalhiex ruhu mill-fakulta moghtija lilu fl-artikolu precitat, jigifieri l-artikolu 667 tal-Kapitolu 12, u

ghalhekk il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrent, l-attur f'din il-kawza.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-attur jikkontendi illi mhuwiex qieghed jattakka it-taxxa mahruga fil-21 ta' Ottubru 2003, izda qieghed jattakka il-validita tad-digriet moghti minn din il-Qorti fis-16 ta' Dicembru 2003 fil-kawza fl-ismijiet Alfred Baldacchino vs Kummissarju ta' l-Artijiet et (Citazz Nru 273/93 NC). Huwa jikkontendi wkoll illi l-applikazzjoni u il-procedura imsemmija fl-Artikolu 667 et seq tal-Kap. 12 ma tapplikax fil-konfront tieghu peress illi huwa ma kienx parti f'dik il-kawza, huwa ma kellux ghalfejn jattakka il-valida tat-taxxa mahruga mir-registratur fil-21 ta' Ottubru 2003, u huwa gie infaccat b'digriet meta ma kienx fil-kawza u ma instemghax.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-konvenuti eccepew illi l-attur ma setghax jipprocedi bic-citazzjoni odjerna la darba il-proceduri stabbiliti fil-Ligi ma jikkontemplawx tali azzjoni.  Huma eccepew illi ic-citazzjoni hija wkoll nulla stante li l-attur kien intavola appell fuq l-istess meritu li kien pendenti; liema appell fl-frattemp gie deciz.  Huma eccepew ukoll illi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li a tenur ta' l-Artikolu 667 (2) tal-Kap. 12, il-formalita rikjesta mill-Ligi sabiex isir appell minn taxxa ta' perit mahtur mill-Qorti mhijiex wahda tassattiva peress li mhux mehtieg ad validatem illi appell isir esklussivament permezz ta' nota.

"Ikkunsidrat :

"Illi johrog car mis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Frar, 2005 illi id-digriet illi inghata minn din il-Qorti kif diversament presjeduta kien wiehed definittiv u finali in kwantu inghata fi stadju ta' appell.  Madanakollu l-attur ipprezenta din il-kawza proprju sabiex jattakka dan id-digriet.
"Ikkunsidrat :

“Illi din il-Qorti ma tistax tkun Qorti ta’ revizjoni fuq dak li gie deciz mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-8 ta’ Frar 2005.”

**L-appell tal-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata kif ukoll bid-digriet ta’ dik il-Qorti tal-14 ta’ Gunju, 2005 li permezz tieghu kienet giet michuda talba biex issir korrezzjoni fl-ewwel talba tieghu u ghalhekk, b’rikors intavolat fl-20 ta’ Frar, 2009 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha:

(1) thassar, tirrevoka u tikkancella d-digriet ta’ nhar l-erbatax (14) ta’ Gunju, 2005 fil-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija u tilqa’ t-talba tal-attur appellant hekk kif ikkontenuta fl-imsemmi rikors u dan billi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell terga’ tibghat l-atti lill-ewwel Qorti halli jekk ikun il-kaz tisma’ l-provi u tiddeciedi l-kaz;

(2) thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza hawn fuq indikata billi tilqa’ t-talbiet kollha attrici u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti appellati.

U dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

L-attur appellant ressaq zewg aggravji kontra s-sentenza appellata;

a) L-ewwel aggravju jikkoncerna d-digriet tal-14 ta’ Gunju, 2005 li permezz tieghu l-prim’awla tal-Qorti Civili cahdet talba tieghu biex issir korrezzjoni fl-ewwel talba tac-citazzjoni.
b) it-tieni aggravju jikkoncerna l-mertu tal-kawza inkwantu t-talbiet attrici gew michuda fuq il-premessa li r-rimedju tieghu kien dak ta’ appell kontra t-taxxa tar-Registratur tal-Qorti u li, per konsegwenza huwa ma setax jiftah il-kawza odjerna.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti:**

**Dwar l-ewwel aggravju.**

Fit-18 ta' Frar, 2005 l-attur, il-perit Valerio Schembri pprezenta rikors quddiem il-prim'awla tal-Qorti Civili li, permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab li, *ai termini* tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12, dik il-Qorti tawtorizza korrezzjoni tal-att tac-citazzjoni billi wara l-ewwel talba jizdied il-kliem:

*"Tiddikjara illi l-procedura utilizzata mill-konvenuti liema procedura m'ghamlitx lil AIC Valerio Schembri parti minnha u per konsegwenza tikkostitwixxi ksur tal-principju tal-gustizzja naturali u cioe` l-'audi alteram partem' bhala wahda m'hix idonea skond il-ligi u/jew m'hux skond il-principji ta' gustizzja naturali."*

L-Artikolu 175(1) tal-Kap. 12 jaghti setgha lill-Qorti li tordna jew taghti li jsir tibdil fl-iskrittura billi hemm provdut li:

*"Il-Qorti tista`, f'kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta' wahda mill-partijiet, wara li tisma' meta jehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalita` li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza."* [sottolinear ta' din il-Qorti].

Minn dan jidher li s-setgha moghtija lill-Qorti hija wahda vasta u intiza sabiex jigu evitati certa eccezzjonijiet kif ukoll multiplicita` ta' kawzi. Din is-setgha izda hija suggetta ghal certu kontrol billi l-Qorti adita b'talba simili trid tassigura ruhha li s-sostituzzjoni jew tibdil rikjest "*ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu.*" B'dan jidher li ma kienitx l-intenzjoni tal-legislatur li tinghata "*carte blanche*" lill-kontendenti billi dawn ikunu

jistghu jbiddlu l-mertu tal-kawza bis-semplici sostituzzjoni jew tibdil rikjest.

B'digriet tal-14 ta' Gunju, 2005 [Fol. 70] it-talba kontenuta fir-rikors fuq imsemmi giet michuda billi l-ewwel Qorti rriteniet "*illi z-zieda li qed tintalab tista' tbiddel is-sustanza tal-azzjoni.*"

Ezaminati l-atti u s-sottomissjonijiet tal-appellant din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kellha ragun meta cahdet it-talba attrici u dan billi jidher car li l-"addendum" rikjest kien verament ser ibiddel mhux biss is-sustanza izda wkoll id-direzzjoni tal-kawza.

L-ewwel talba fic-citazzjoni, mehuda fil-kuntest ta' dak li jinghad fil-premessi, hija bazikament imsejsa fuq aspetti procedurali billi qed jigi sottomess li ma kienitx giet segwita l-procedura msemmija fl-Artikolu 667 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal kuntrarju l-emenda li l-attur kien qed jitlob li ssir fl-att tac-citazzjoni kienet tintroduci aspett ghal kollox gdid imsejjes fuq il-gustizzja naturali u kienet, kieku giet approvata, tvarja b'mod radikali s-sustanza tac-citazzjoni u tippregudika l-linja difenzjonali tal-konvenuti.

L-appellant f'dan il-kuntest hassu aggravat li l-ewwel Qorti, qabel ma pprovdiet fuq it-talba tieghu, naqset li tiehu konjizzjoni tal-gurisprudenza citata fir-rikors tieghu tat-18 ta' Frar 2005, li, skont l-appellant, tiggustifika l-akkoljiment tat-talba kontenuta fl-imsemmi rikors. Din il-Qorti ezaminat il-gurisprudenza citata u senjatament dik koncernanti l-fattur ta' tibdil fis-sustanza tal-azzjoni u tosserva li:

a) Fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **Martin Fenech v. Emanuel Gatt** (Citaz nru 85/98) decizjoni in parte tat-13 ta' Lulju, 2001 il-Qorti tal-appell akkoljiet talba tal-konvenut appellant biex issir korrezzjoni fit-talba fir-rikors tal-appell. Irrizulta li f'dawk il-proceduri l-appellant konvenut li kien intavola kontro-talba li giet michuda in Prim Istanza, kien, bi zvista, naqas li jnizzel talba fir-rigward billi "tigi milqugha l-kontro-talba tieghu u michuda l-eccezzjonijiet dwarha". Fil-konsiderazzjonijiet taghha dik

il-Qorti, wara li ezaminat ir-rikors tal-appell kienet sodisfatta li l-appell kien sar anke fuq dan l-aspett tal-kontroversja billi kien gie sollevat aggravju specifiku dwar ic-cahda tal-kontro-talba in Prim Istanza. Il-Qorti ghalhekk irriteniet li dan in-nuqqas kien effett ta' zball u, il-korrezzjoni mitluba bl-ebda mod ma kienet ser tbiddel il-linja difenzjonali tal-kontro-parti.

b) Fis-sentenza tas-27 ta' Gunju, 2002 moghtija mill-prim'awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Simon Debono v. HSBC Bank Malta p.l.c. gja Mid Med Bank p.l.c.** il-korrezzjoni mitluba kienet semplicement li l-kelma "*attrici*" tigi sostitwita bil-kelma "*konvenuta"* billi l-Qorti rriteniet li "*jirrizulta mill-istess citazzjoni, li dan kien zball datilografiku"* u xejn aktar.

c) Fis-sentenza tat-22 ta' Jannar, 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Mayflower Property Co Ltd et v. Registratur tas-Socjetajiet et** il-korrezzjoni li giet mitluba u akkordata kienet direttament konnessa mal-premessi fic-citazzjoni.

Dawn is-sentenzi, fil-fehma ta' din il-Qorti, bl-ebda mod ma javvallaw it-tezi tal-attur appellant billi c-cirkostanzi fejn gie applikat l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 bl-ebda mod ma kienu serji jew gravi bhal fil-kaz odjern fejn qed tintalab li tigi introdotta kawzali ohra msejsa fuq aspetti ta' gustizzja naturali u li gustament kellha tigi michuda stante li tali emenda kienet ser tbiddel is-sustanza tal-azzjoni.

Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud u konsegwentement l-appell mid-digriet tal-14 ta' Gunju, 2005 ser jigi michud.

**Dwar it-tieni aggravju.**

Meta qed jiddiskuti t-tieni aggravju tieghu l-appellant jiddikjara s-segwenti: "*illi hu permezz ta' l-azzjoni odjerna m'huwiex qed jattakka t-taxxa mahruga fil-21 ta' Ottubru, 2003, izda huwa qieghed jattakka l-validita` tad-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili, Prim' Awla nhar is-16 ta' Dicembru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet 'Alfred J. Baldacchino vs Kummissarju ta' l-Artijiet et (Citaz Nru 273/93 NC),*

*liema digriet huwa, qieghed jinghad bl-akbar dovut rispett, null u bla effett.*" L-appellant ikompli jispjega li bhala konsegwenza ta' dan, kull taxxa li tkun inharget bis-sahha tal-imsemmi digriet tkun nulla u bla effett b'dan li t-taxxa mahruga fil-21 ta' Ottubru, 2003 tkun ghada valida.

L-attur appellant isostni li l-procedura msemmija fl-Artikolu 667 tal-Kap 12 ma hijiex applikabbli ghalih billi wkoll:

a) hu ma kienx parti f'dik il-kawza;

b) hu ma kellux ghalfejn jattakka t-taxxa tal-21 ta' Ottubru, 2003 u

c) hu gie rinfaccjat b'digriet (meta ma kienx fil-kawza u ma nstemghax). Dan l-aggravju ma jistax jigi kkunsidrat in vista` ta' dak li nghad hawn fuq rigwardanti l-ewwel aggravju.

Is-subtitolu IV tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar il-prova li ssir permezz ta' periti li tigi ordnata jew fuq talba tal-partijiet jew ta' wahda minnhom, inkella mill-Qorti minn jeddha. Fost il-provvedimenti hemm kontemplati u ta' interess partikolari ghall-kaz sotto ezami nsibu l-Artikolu 667 li jitkellem dwar appell mit-taxxa li tinhareg mir-Registratur ghall-prestazzjonijiet ta' perit jew periti. Dan id-dritt ta' appell, skont l-artikolu msemmi, huwa moghti kemm lill-perit jew periti kif ukoll lil kull wahda mill-partijiet billi hemm espressament provdut li dawn "*jistghu jappellaw lill-qorti li minnha l-periti gew mahtura, ikun kemm ikun id-dritt li gie ntaxxat jew mitlub, fi zmien tmien tijiem mill-jum imsemmi fl-artikolu 672 jew, fil-kaz li l-periti jkunu gew iddispensati milli jidhru kif imsemmi f'dak l-artikolu, mill-jum li fih il-periti jew il-partijiet fil-kawza jkunu gew imgharrfin bit-taxxa b'ittra minghand ir-registratur.*" (Sottolinear ta' din il-Qorti)

Fis-subartikolu (2) hemm provdut li qabel id-decizjoni tal-kawza li fiha tkun giet ordnata l-perizja, "*dan l-appell jista' jsir b'nota.*" Is-subartikolu (3) jipprovdi li wara d-decizjoni tal-kawza dan l-appell "*isir b'rikors u ghandu jinstema' mill-qorti b'mod sommarju*". Finalment is-subartikolu (4)

tal-istess artikolu jipprovdi li "*jekk ikun jidher prima facie li l-appell huwa floku, il-Qorti, wara li tisma' lill-partijiet, tordna lir-registratur sabiex jintaxxa mill-gdid id-dritt tal-periti.*"

B'sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-8 ta' Frar, 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Baldacchino v. Kummissarju ta' l-Artijiet et** f'liema kawza nholqot il-kwistjoni kollha dwar id-drittijiet tal-espert tekniku l'AIC Valerio Schembri, din il-Qorti kienet ippronunzjat ruhha dwar pregudizzjali sollevata mill-appellat Alfred Baldacchino rigwardanti l-irritwalita` o meno tal-procedura addottata mir-rikorrent Perit Arkitett Valerio Schembri billi qalet hekk:

"Din il-Qorti, wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet dwar l-applikabilita` o meno ta' l-Artikoli 229 u 667 tal-Kap 12, tosserva fl-ewwel lok li l-Art. 229, inkluz is-subartikolu (3) tieghu, mhux applikabbli ghal kaz in kwantu l-provvediment li qed jigi mpunjat mhux digriet interlokutorju peress li jirregola r-relazzjonijiet ta' persuni li ma humiex parti fil-kawza u cioe` l-perit mahtur fil-kawza u r-Registratur. L-Art. 667 tal-Kap 12 jipprovdi procedura ad hoc ghal kwalunkwe lment li jista' jkun hemm fil-konfront tad-decizjoni tar-Registratur dwar taxxa billi minn dik id-decizjoni jinghata dritt ta' appell quddiem l-istess Qorti bil-mod stabbilit fl-istess Artikolu. Kull decizjoni minn dik il-Qorti hi decizjoni fi stadju ta' appell, u ghalhekk minn dik id-decizjoni ma jistax jsir rikors lil din il-Qorti kif effetivament sar."

Kien ghalhekk li l-prim'awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-3 ta' Frar, 2009 (is-sentenza appellata) iddikjarat illi "*din il-Qorti ma tistax tkun Qorti ta' revizjoni fuq dak li gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tat-8 ta' Frar, 2005.*" Konsegwentement dik il-Qorti cahdet it-talbiet kontenuti fic-citazzjoni promotrici.

Similment din il-Qorti hija tal-fehma li l-appell ma huwiex gustifikat u dan billi jidher car li l-proceduri istitwiti mill-Perit Arkitett Valerio Schembri fit-22 ta' Lulju, 2004 qatt ma setghu jkollhom ezitu favorevoli u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a) l-Artikolu 667 tal-Kap. 12 jitkellem car fir-rigward tal-proceduri adottati in kontestazzjoni ta’ taxxa rilaxxata mir-Registratur fil-kuntest ta’ servizzi rezi minn espert mahtur mill-Qorti. Infatti jidher mill-Artikolu 666 li r-Registratur tal-Qorti nghata esklussivament id-dritt li jintaxxa d-drittijiet tal-Periti ghall-prestazzjonijiet minnhom rezi. Skont l-artikolu li jsegwi d-decizjoni tar-Registratur tista` tigi kuntestata sew mill-espert kemm ukoll mill-partijiet inkawza, billi jsir appell lill-Qorti li minnha l-periti gew mahtura u jekk il-Qorti jidhrilha li *prima facie* dak l-appell huwa floku, hija tordna lir-registratur sabiex jintaxxa mill-gdid id-dritt tal-periti. Hawn, kuntrarjament ghal dak li jinghad fl-Artikolu 655 li jitkellem dwar rekuza tal-espert u d-dritt ta’ appell mill-akkoljiment jew cahda ta’ dik ir-rekuza, l-Artikolu 667 ma jghid xejn dwar xi dritt ta’ appell mid-decizjoni tal-Qorti u dan billi logikament dik id-decizjoni gja` hija decizjoni fi stadju ta’ appell. Dik id-decizjoni ghalhekk hija finali.

b) Illi din il-Qorti tixtieq ukoll tosserva li, apparti l-irritwalita` o meno tal-procedura adottata mill-attur, liema rritwalita` tirrizulta mill-fatt li ma hemmx appell minn decizjoni fl-appell, jidher car mid-dicitura tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 667 tal-Kap. 12, kif gja` rajna *supra*, li l-ewwel talba fic-citazzjoni fejn qed tintalab dikjarazzjoni li l-procedura uzata sabiex tigi kontestata t-taxxa tar-Registratur mhux wahda idoneja billi din saret b’rikors, ma tantx ghandha fundament inkwantu l-istess artikolu ma jaghmilx l-uzu ta’ “nota” bhala rekwizit essenzjali. L-istess subartikolu (2) infatti jghid li meta tali appell jigi ntavolat qabel id-decizjoni tal-kawza li fiha tkun giet ordnata l-perizja, (bhal fil-kaz in ezami) “*dan l-appell jista’ jsir b’nota.*” Dan jindika li tali appell jista` jsir b’mezzi ohra. Ir-rikors ghalhekk huwa mezz idoneu.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tichad l-appell tal-Perit Arkitett Valerio Schembri billi fl-ewwel lok tikkonferma d-digriet tal-14 ta’ Gunju, 2005 u fit-tieni lok tikkonferma s-sentenza appellata, u dan bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------